MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1363/2000/1

**CAMENZULI TYRES LIMITED**

**vs**

**Dr. Renzo PORSELLA FLORES u P.L. Louisa Tufigno li, b'Degriet tal-20 ta' Lulju, 2000, ġew nominati Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Tarek Abujnah u Nuri Abugnah**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-3 ta' Lulju, 2000, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi biegħet u kkonsenjat lil Yousef Ahmed Abujnah tlett partiti ta' merkanzija (Dokumenti A, B u C) bil-prezz komplessiv ta' tmienja u tmenin elf ħames mja u ħamsa u tletin punt tlieta dollari Amerikani (US $88535.30);

Illi ukoll is-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-istess Yousef Ahmed Abugnah xtrat mingħand is-soċjeta' Coflex Ltd żewg partiti oħra merkanzija (Dok. D u E) bil-prezz komplessiv wieħed u tmenin elf seba' mja u ħamsin dollari Amerikani (US $81750) u kkonsenjat l-istess lil Yousef Ahmed Abugnah bil-ftehim illi Abujnah, oltra l-prezz tal-merkanzija kellu jħallas lis-soċjeta' attriċi senserija ta' ħamsa fil-mija fuq il-valur, u ċioe s-somma ta' erbat elef u sebgħa u tmenin punt ħamsa dollari Amerikani (US $4087.50);

Illi ukoll is-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-istess Yousef Ahmed Abugnah irrangat sabiex is-soċjeta' Coflex Ltd bagħtet direttament merkanzija lill-istess Abugnah (Dok. F) ta' valur ta' sebgħa u erbgħin elf u ħames mitt dollari Amerikani (US $47,500) bi ftehm bejn is-soċjeta' attriċi u Yousef Ahmed Abujnah li l-istess Abujnah iħallas direttament lil Coflex Ltd l-prezz tal-merkanzija u jħallas lis-soċjeta' attriċi senserija ta' ħamsa fil-mija fuq il-valur ammontanti għal elfejn, tlett mija u ħamsa u sebgħin dollaru amerikan (US $2375);

Illi għalhekk kienet dovut lis-soċjeta' attriċi s-somma komplessiva ta' mija u sitta u sebgħin elf, seba' mija u sebgħa u erbgħin punt tmienja dollari Amerikani (US $176747.80) minn liema somma Yousef Ahmed Abugnah ħallas lis-soċjeta' attriċi mija u tnejn u erbgħin elf, sitt mija u tmienja u ħamsin punt tmienja ħamsa dollari Amerikani (US $142658.85) pero' laħaq miet qabel ma ħallas il-bilanċ dovut ta' erbgħa u tletin elf u tmienja u tmenin punt disgħa ħamsa dollari Amerikani (US $34088.95);

Illi l-konvenuti, bħala eredi u aventi kawża minn missierhom Yousef Ahmed Abugnah baqgħu ma ħallsux is-somma ta' erbgħa u tletin elf u tmienja u tmenin punt disgħa ħamsa dollari Amerikani (US $34088.95);

Illi l-konvenuti kien wegħdu lis-soċjeta' attriċi li huma jħallsu s-somma dovuta una volta jkunu f'posizzjoni li jizbankaw minn Bank of Valletta International Limited id-depoziti li missierhom Yousef Ahmed Abugnah kellu mal-istess bank, u għal dan il-għan inkarigaw lis-soċjeta' attriċi

biex tagħmel dak kollu neċessarju biex l-imsemmi zbank ikun jista' jsir;

Illi s-soċjeta' attriċi adempiet ukoll għal din ir-rikjesta tal-konvenuti li huma issa f'posizzjoni li jizbankaw u għal dan il-għan is-soċjeta' attriċi inkorriet spejjeż ammontanti għal tlieta u sebgħin lira maltin u sittin ċentezmu (Lm73.60) (Dok. G u H) pero' l-konvenuti la ħallsu s-somma dovuta u anqas l-ispejjeż inkorsi;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex iħallsu lis-soċjeta attriċi s-somma bilanċjali ta' erbgħa u tletin elf u tmienja u tmenin punt disgħa ħamsa dollari Amerikani (US $34088.95) konvertiti f'munita lokali bir-rata li tkun vigenti fid-data tas-sentenza eventwali;

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlieta u sebgħin lira maltin u sittin ċentezmu (Lm73.60);

Bl-ispejjeż, bl-imgħax kummerċjali u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mat-tmien (8) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-10 t'Ottubru, 2000, li biha l-Kuraturi Deputati mħarrkin eċċepew:

Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawża u għalhekk jirriservaw id-dritt illi jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom aktar 'il quddiem;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin Kuraturi Deputati;

Rat id-Degriet tagħha tat-3 ta' Novembru, 2000, li bih u fuq talba tal-imħarrkin Kurturi Deputati, ordnat it-tqegħid ta' somma f'idejn l-awtorita' tagħha, biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż minfuqa minnhom matul is-smigħ tal-kawża;

Rat ix-xhieda tal-kumpannija attriċi mressqa bil-mezz tal-affidavit fit-28 ta' Novembru, 2000[1];

Rat il-verbal tas-smigħ tal-24 ta' Jannar, 2001, u partikolarment id-dikjarazzjoni tal-imħarrek Kuratur Deputat dwar it-tentativi li jikkomunika mal-kostitwenti tiegħu;

Rat id-Degriet tagħha tat-23 ta' Mejju, 2001, li bih ħalliet lill-imħarrkin Kuraturi Deputati jressqu provi miżmuma minn istituzzjonijiet finanzjzarji dwar flejjes miżmumin f'Malta u li jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet tal-kumpannija attriċi;

Semgħet ix-xiehda tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-8 ta' Mejju, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, u tas-16 ta' Jannar, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' merkanzija konsenjata lid-ditta tal-imħarrkin u ta' kummissjoni li din kellha tħallas lill-kumpannija attriċi għall-imsemmija konsenji. L-imsemmija konsenji saru bejn l-1995 u l-1999;

[1] Paġġ. 35 sa 40 tal-proċess

Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrkin Kuraturi Deputati laqgħu billi qalu li ma kienu jafu xejn dwar dak allegat mill-kumpannija attriċi, u riedu jagħmlu l-verifiki meħtieġa;

Illi mill-fatti li jirriżultaw mill-proċess, joħroġ li l-kumpannija attriċi hija aġent f'Malta ta' ditta barranija li tagħmel ir-roti għall-vetturi. Fost il-klijenti tagħha, kemm f'Malta u kif ukoll barra minn Malta, kellha lid-Ditta Abu Jenah Sons Import – Export ta' Tripli, fil-Libja, immexxija dak iż-żmien minn wieħed Yousef Ahmed Abunjah. Il-kumpannija attriċi kienet tieħu ħsieb tipprokura li tforni lill-imsemmija ditta kemm b'merkanzija li tagħha hija kienet aġent f'Malta, u kif ukoll merkanzija oħra mingħand ditti oħrajn. F'dan it-tieni każ, kienet titħallas kummissjoni għan-negozju li jintbagħat lid-Ditta ta' Abunjah[2]. Jirriżulta li matul l-1995, il-kumpannija attriċi bagħtet[3] lill-imsemmija Ditta tliet (3) konsenji ta' roti jew makni li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-industrija, għall-valur sħiħ ta' tmienja u tmenin elf, ħames mija u ħamsa u tletin dollaru Amerikan u tletin ċenteżmu (US$ 88,535.30);

Illi xi żmien wara, fl-1997, il-kumpannija attriċi ntalbet minn Abunjah kwantita' ta' roti, liema konsenji l-kumpannija attriċi ħadet ħsieb għamlet l-arranġamenti meħtieġa li jinkisbu mingħand kumpannija oħra (Coflex Ltd.) u jintbagħtu lil Abunjah. Dawn iż-żewġ konsenji kellhom valur ta' wieħed u tmenin elf seba' mija u ħamsin dollaru Amerikan (US$ 81,750)[4]. F'dan il-każ, minbarra l-import tal-merkanzija mixtrija, Abunjah intrabat li jħallas lill-kumpannija attriċi kummissjoni ta' ħamsa fil-mija (5%). F'ordni oħra bħal din li saret mid-Ditta Libjana f'Marzu tal-1999[5], sar ftehim li din tħallas lil Coflex Ltd. direttament tal-import tal-konsenja, imma tħallas lill-kumpannija attriċi l-kummissjoni, dejjem bir-rata tal-ħamsa fil-mija (5%). Il-valur ta' din il-konsenja kien ta' sebgħa u erbgħin elf u ħames mitt dollaru Amerikan (US$ 47,500);

Illi l-kumpannija attriċi tgħid li, mill-ammonti dovuti lilha min-negozji fuq imsemmija, id-Ditta ta' Abunjah ħallset

---

[2] Ara affidavit ta' Anton Camenżuli 28.11.2000, f'paġġ. 36-7 tal-proċess
[3] Dokti "A", "B" u "Ċ", f'paġġ. 6 sa 8 tal-proċess
[4] Dokti "D" u @E" f'paġġ. 9 u 10 tal-proċess
[5] Dok "F", f'paġ. 11 tal-proċess

mija u tnejn u erbgħin elf sitt mija u tmienja u ħamsin dollaru Amerikan u tmienja u ħamsin ċenteżmi (US$ 142,658.85), iżda ma sar l-ebda ħlas ieħor għaliex Abunjah laħaq miet. Jidher li l-aħħar ħlas akkont sar minn Abunjah f'Marzu tal-1997[6]. Uliedu, l-imħarrkin *proprio*, wegħdu l-ħlas tal-bilanċ u ma ċaħdux it-talba tal-kumpannija attriċi. Wegħdu li fondi li d-Ditta kellha depożitati f'banek Maltin jintużaw biex jitwettaq il-ħlas hekk kif jinħelsu wara li jintemmu l-proċeduri meħtieġa minħabba l-mewt ta' missierhom. Minkejja tali wegħdiet, m'għamlu l-ebda proċedura, imma minflok ħatru lill-kumpannija attriċi tmexxi hi. Il-kumpannija għamlet dan ukoll, bi spejjeż tagħha[7];

Illi, minn dak li joħroġ mill-provi mressqin fl-atti, il-Qorti hija tal-fehma li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li n-negozji li saru bejn il-kumpannija attriċi u d-Ditta ta' Abunjah seħħew tassew u li ma kien hemm l-ebda nuqqasijiet fl-ordnijiet mibgħuta, bħalma wkoll jista' jingħad li ma tressqu l-ebda lmenti minn Abunjah dwar l-arranġamenti miftehma. Għall-kuntrarju, il-kumpannija attriċi ressqet provi bil-miktub[8] fejn jidher li Abunjah ikkonferma minn idejh tali kundizzjonijiet. B'żieda ma' dan, jidher li Abunjah irratifika n-negozji bil-ħlasijiet akkont li wettaq. In-nuqqas ta' ħlas tal-bilanċ jidher li ma kien dovut għall-ebda raġuni oħra jekk mhux minħabba l-mewt ta' Jusef Abunjah;

Illi jirriżulta wkoll li l-kumpannija attriċi baqgħet ma tħallsitx il-bilanċ li hija tgħid li huwa dovut lilha, għalkemm taf li f'Malta jeżistu fondi biżżejjed taħt il-kontroll ta' istituzzjonijiet bankarji lokali li jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha;

Illi l-Qorti għaddiet biex tifli l-ammont bilanċjali reklamat mill-kumpannija attriċi, u qabblitu mad-dokumenti mressqin minn din. Il-Kuraturi Deputati ma qanqlu l-ebda kwestjoni dwar is-siwi tal-ammont pretiż jew tal-kalkoli magħmula mill-kumpannija attriċi biex waslet għall-ammont mitlub fl-Att taċ-Ċitazzjoni. Huwa l-ammont

[6] Dok "AC4", f'paġ. 45 tal-proċess
[7] Ara Dokti "Ġ" u "Ħ", f'paġġ. 12-3 tal-proċess, u xhieda ta' Anton Camenżuli 8.5.2002, f'paġ. 72 tal-proċess
[8] Dokti "E" (paġ. 10) u "AC5" f'paġ. 46

imsemmi f'dak l-att li l-Qorti hija marbuta tqis. Dan qiegħed jingħad għaliex fil-prospett imressaq mill-kumpannija attriċi[9], iżjed tard rivedut u mibdul[10], tissemma somma mill-kumpannija attriċi li hija tippretendi li huwa l-bilanċ dovut lilha, li hija ogħla mill-ammont mitlub fiċ-Ċitazzjoni;

Illi, wara li l-Qorti qieset sewwa l-kontenut tal-imsemmija dokumenti, waslet għall-konklużjoni li din id-diskrepanza hija mfissra minħabba li l-kumpannija attriċi għaddet l-imgħaxijiet mal-kapital li kien lilha dovut u li, kieku wieħed kellu jqis l-ammonti b'reqqa, isib li dawn jaqblu fil-qrib mal-ammont mitlub fiċ-Ċitazzjoni. Minbarra dan, il-Qorti tinnota li l-kumpannija attriċi talbet ukoll il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża u "l-imgħaxx kummerċjali". M'għandu jkun hemm l-ebda dubju li n-negozji kollha li saru bejn il-kumpannija attriċi u d-Ditta Libjana kienu ta' natura kummerċjali, u dan il-fatt jiddetermina kif għandu jintgħadd l-imgħax u minn meta;

Illi, għalhekk, f'dan ir-rigward ukoll, il-Qorti qegħda ssib li l-kumpannija attriċi seħħilha turi kif imiss li dak li qegħda tippretendi huwa mistħoqq;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u, filwaqt li tiddikjara li l-kumpannija attriċi hija kreditriċi tal-imħarrkin fis-somma ta' erbgħa u tletin elf u tmienja u tmenin dollaru Amerikan u ħamsa u disgħin ċenteżmu (US$ 34,088.95), ekwivalenti bir-rata tal-kambju[11] tal-lum għal tlettax-il elf erba' mija u sitta u sebgħin lira Maltija (Lm 13,476), import ta' bilanċ ta' prezz ta' diversi konsenji ta' merkanzija lilhom mibjugħa u konsenjati jew ta' kummissjonijiet fuq l-istess, tikkundannahom iħallsu lill-kumpannija attriċi, flimkien u solidalment bejniethom, is-somma ta' LM 13,476;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundannahom iħallsu wkoll lill-kumpannija attriċi, flimkien u solidalment bejniethom,

[9] Dok "AC3" f'paġ. 40 tal-proċess
[10] Dok "AC4" f'paġ. 45
[11] Lm1 = US$ 2.5296

is-somma ta’ tlieta u sebgħin lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm 73.60) rappreżetanti rifużjoni ta’ spejjeż amministrattivi magħmulin mill-attriċi in konnessjoni ma’ proċeduri għal sbanki meħtieġa wara l-mewt ta’ Jussef Abunjah; u

**Tikundanna** lill-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet kummerċjali dekorribbli mid-data tal-effettiva konsenja tal-merkanzija sal-jum tal-ħlas effettiv.

--------------------------------TMIEM--------------------------------